KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 39_19-11-08 V**

# MINUTI TAD-DISA U TLETIN SEDUTA

**Id-disa u tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea** |
| **Skużati:** | **Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:05 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 38_15/10/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

## 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 38_15/10/08.

1.1 Kien hemm korrezzjoni fl-ismijiet tal-kunsilliera fejn il-kunsiller Nikki Dimech kellu jitniżżel mal-kunsilliera preżenti.

Is-sindku M. Arrigo pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif ġew emmendati filwaqt li ġew issekondati mil-kunsillier J. Galea. Il-kunsilliera preżenti, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Debono ivvotaw favur. Il-kunsillier M. Briguglio astjena minħabba li ma kienx preżenti fl-aħħar seduta.

## 2. Materji konnessi mal-minuti

Il-kunsillier M. Briguiglio ikkumenta dwar il-minuti tas-seduta 37_17 ta' Settembru, 2009 fejn huwa kien talab għal korrezzjoni fis-seduta 38 iżda minħabba li huwa kif ukoll il-kunsilliera M. A. Azzopardi ma kienux preżenti ma saret l-ebda korrezzjoni mil-kunsill. Il-kunsillier M. Briguglio b'riferenza għall-minuti tas-seduta 37 artiklu 1.2 sostna li dakinhar huwa kien staqsa u fl-ebda mument ma kien wasal għal konklużjoni li l-pożizzjoni tac-Chairman hija llegali. Tant u hekk li meta waslu biex jivvutaw huwa ivvota l-istess bħal kunsilliera l-oħra.

*Is-Sindku talbet sabiex is-seduta tiġi sospiża għal item numru 5 ta' l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.*

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti

5.1 Il-kunsilliera preżenti ġew infurmati li iċ-ċekk numru 9858 li hemm fl-iskeda tal-pagamenti għandu jiġi ndirrizzat lill-Assoċċjazzjoni tal-kunsilli lokali bl-ammont ta' Euro 35 għal-laqgħa tas-Sindki tal-5/6 Diċembru, 2008 u mhux kif jidher pagabbli lill-*Cleansing Services Department*. Iċ-ċekk dwar it-tindif ta' Euro 3180.10 pagabbli lill-Cleansing Services Department se jkun imniżżel fil-grey area tas-seduta li jmiss.

5.2 Il-kunsilliera M. Aquilina staqsiet dwar ċekk numru 9919 dwar it-tindif ta' *culverts* fi Triq Rudolfu kif ammontaw għal daqshekk. Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv spjega kif tqassmu l-kontijiet dwar it-tindif tal-*culverts* madwar *areas* oħra f'Tas-Sliema kif kienu saru s-sena l-oħra. Kien hemm qbil unanimu li għandu jinħareġ il-kuntratt il-ġdid għas-servizz ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni f'Tas-Sliema.

5.3 Il-kunsillier M. Briguglio ppropona l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 9850 sa 9919. Il-kunsillier J. Galea ssekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, is-Sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina u M. Debono approvaw il-pagamenti b'mod unanimu.

## 3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv

3.1 Il-kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li l-kunsill għandu jkellem lill-kumitat kongunt tad-dwalijiet tat-toroq biex jiġu kkunsidrati bozzoz alternattivi ta' *energy saving*. Il-kunsill qabel ma dan.

3.2 Korrispondenza mis-Sur Olivier Lautier dwar proposta għal aktar dwal fi Triq it-Torri. Il-kunsill qabel li għandu jistaqsi lill-Enemalta dwar il-possibilitajiet, fejn ir-risposta li tingħata terġa mressqa lill-kunsill.

3.3 Proposta mid-*Divewarehouse* dwar l-art ħdejn il-bandli ta' l-Exiles Sliema li tinsab eżatt fuq l-istabbiliment tagħhom biex ikun hemm *catering establishments* tagħhom kif ukoll perċentaġġ ta' 40% playground u 60% għal kjosk bl-imwejjed u siġġijiet. Il-kunsill

ma qabilx ma' din il-proposta minħabba li diġa hemm xi ħaġa simili, filwaqt li jaqbel li għandu jipproċedi bil-proċess ta' devoluzzjoni.

3.4 Il-kunsill irrefera għal sejħa pubblika għal opinjonijiet dwar l-*Urban Conversation areas* u *scheduling* li dehret fl-aħħar magazin tal-kunsill. Il-kunsill qabel ukoll li għandu javża fil-gazzetti lokali permezz ta' *press release.* Il-kunsill għandu jara x'rispons ikun hemm u jekk ikun hemm waħda pożittiva għandu jagħmel sejħa pubblika għal *town planners* sabiex ikunu jistgħu jevalwaw il-kummenti. F'każ li jkun hemm bżonn il-kunsillier M. Debono għandu jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex isiru l-*ispecifications.*

3.5 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal punt numru 3.4 ta' l-aħħar seduta dwar jekk għandhomx jinħarġu permessi tal-krejn fi Triq Milner ma' Triq Howard. Il-kunsill kien qabel li għandu jistaqsi għal parir ta' l-avukat wara li l-kunsillier M. Debono kien qal li ma jafx kemm il-kunsill b'mod legali jista jagħmel dan. Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti bil-punti li bagħat l-avukat, fejn qal li l-kunsill ma jaqbillux li jirrifjuta permessi. Dan minħabba l-fatt li meta jkun ħareġ il-permess tal-MEPA, l-iżviluppaturi għandhom id-dritt li jaħdmu, u f'każ li l-kunsill jitlef l-appell il-kunsill jaf ikollu konsegwenzi għal kull ħsara li tkun setgħet saret. Is-segretarju eżekuttiv avża wkoll li fil-każ ta' l-appell dwar Fort Cambridge li kellu jsir dakinhar stess, kien se jiġi pospost minħabba raġunijiet li kien diġa bagħat permezz ta' email lill-kunsilliera.

3.6 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsillera preżenti li kienu ltaqgħu mal-kumpanija Izzy Inc dwar il-magazin tal-kunsill biex jibda jsir minn kumpanija privata mingħajr ħlas. Kif kien deċiż il-kunsill iltaqa fejn ġew diskussi l-kundizzjonijiet. Is-segretarju eżekuttiv qara l-aħħar proposta li kienu bagħtu għall-attenzjoni tal-kunsill. Il-kunsill ma eskludix din l-ideja madankollu ma jarax li din il-proposta qegħda ssir fi żmien tajjeb. Dan minħabba l-fatt li sakemm ikun skada l-kuntratt li għandna preżenti f'Marzu, 2009, tkun riesqa l-elezzjoni għal kunsill ġdid. Il-kunsill jaqbel li għandu jħalli din id-deċiżjoni f'idejn il-kunsill ġdid li jmiss.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech għas-seduta fil-5pm.*

3.7 Korrispondenza dwar l-*Residents Parking Zones* mill-GRTU fejn infurmaw li huma jaqblu li l-percentaġġ għandu jinbidel minn dak li kif kien ġie diskuss ma' l-ADT jiġifieri minn 70% għal 50 %. Il-GRTU jaqblu li din għandha tkun għal żmien ta' prova ta' sitt xhur. Il-kunsill qabel li din is-sistema għandha tkun għal residenti Slimiżi li jkollhom l-karta ta' l-identita' fuq Tas-Sliema. Min hu resident u għandu karozza tal-kiri jinħareġ permezz speċjali.

*Il-kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-seduta fil-5.05pm*

Dwar l-RPZ il-kunsill qabel li malli jiġu approvati t-toroq kollha ta' Tas-Sliema mill-ADT nibdew bil-proċess.

3.8 Talba għall-għajnuna finanzjarja mis-Sur Raymond Micallef f'isem *Subcultural Animal Friends* għal proġett biex jitqassmu xi kotba u DVDs dwar *awareness* fuq l-annimali, lill-istudenti ta' l-iskola. Il-kunsill qabel li jagħti s-somma ta' Euro 116.

3.9 Talba għal *sponsorship* ta' Euro 12 kull wieħed minn St Joseph School Convent (Senior School) u Sliema Primary School għal Ekoskola. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan. Fuq dan il-punt is-Sindku M. Arrigo u l-kunsillier M. Briguglio rrimarkaw li din mhux l-ewwel darba li l-iskola Primarja jitlobu għall-għajnuna u l-kunsill

jikkopera mill-ewwel, minkejja l-fatt li l-iskola mhux dejjem tikkopera mal-kunsill kull meta jkollu bżonn xi ħaġa.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab għall-informazzjoni dwar il-*birthday cards* li jintbagħtu lill-anzjani f'egħluq sninhom. Fuq dan il-punt ġie nnotat li kien hemm min ikkumenta għaliex il-kartolina ma jiġux iffirmati. Minkejja dan ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni. Il-kunsill ta' qabel kien diġa ħa deċiżjoni li jintbagħtu dawn il-kartolini u qablu li dawn għandhom jibqgħu jintbagħtu minħabba li huma apprezzati ħafna mill-anzjani tagħna.

3.11 Korrispondenza mis-Sur Miruzzi fejn talab il-kummenti tal-kunsill dwar il-kiosks kollha u mhux ta' Għar id-Dud biss. Il-kunsill dejjem irraporta għaliex ma jista jagħmel xejn iktar peress li l-kunsill mhuwiex il-*land owner* u l-anqas ma jagħmel il-kuntratti.

Daħlet il-kunsilliera M. A. Azzopardi fil-5.15pm

3.12 Korrispondenza mill-kunsillier M. Briguglio dwar l-istorbju eċċessiv minn studenti mill-lukanda tal-Plevna. Il-kunsill diġa għamel diversi rapporti lill-MTA, Felton u l-pulizija.

3.13 Talba għall-attivita ta' *Tour Internazzjonali* ta' Malta 2009 li ssir bejn il-25 u t-30 ta' Marzu, 2009 li jibdew u jispiċċaw ix-Xatt. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.14 Il-kunsillier N. Dimech ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt kif fl-avviż ta' l-ADT dwar ix-xogħlijiet fi Triq it-Torri ma deherx l-isem tal-kunsill, minkejja l-kooperazzjoni u l-laqgħat ta' koordinazzjoni. Is-Sindku qalet li oriġinarjament il-kunsill l-anqas biss ma ġie avżat b'dawn ix-xogħlijiet, il-kunsill sar jaf għaliex ġew jitolbu permessi għal post għal inġenji tagħhom ix-Xatt. Il-kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li dawk ir-riklami li kienu mpoġġija fi Triq it-Torri bħala *street furniture* għandhom jerġgħu jitwaħħlu minħabba li l-kunsill għandu bye-laws.

3.15 Korrispondenza mill-MEPA dwar l-applikazzjoni għal statwa tal-Madonna ta' Lourdes għal Ġnien Indipendenza. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

3.16 Korrispondenza mill-kunsillier M. Briguglio fejn issuġġerixxa li l-kunsill għandu jagħmel iżjed *bike racks*. Il-kunsill qabel li għandha titwaħħal waħda fi Triq it-Torri (fejn Joinwell).

Daħal il-kunsillier M. Debono lura għas-seduta 5.35pm

Il-kunsill qabel li għandu jsaqsi lill-Assoċċjazzjoni tal-roti biex ikunu jistgħu jissuġġerixxu aktar postijiet addattati.

3.17 Korrispondenza mis-Sinjura Astrid Vella fejn staqsiet lill-kunsill hux se jidhru avviżi fil-gazzetti lokali dwar il-*local plans* kif deher fil-magazin tal-kunsill. Il-kunsill qabel li għandu jibgħat *press release*.

3.18 Cirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali dwar inizjattiva għal *Dr Karl Chircop Memorial Fund*. Il-kunsill qabel li għandu jagħti Euro 116.

3.19 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-iżvilupp dwar PA 0299/05 u PA 1528/06, fejn il-kunsill kien bagħat għall-osservazzjoni tal-MEPA li dan il-proġett tal-MIDI m'għandux jeċċeddi t-tnax-il sular kif inhu indikat fl-*Outline Development Permit*. Il-MEPA infurmaw li

l-awtorita għad trid tasal għad-deċiżjoni filwaqt li l-MEPA ħadet nota tal-kummenti tal-kunsill. Il-kunsill għandu jerġa jibgħat jinformhom li għadu jsostni l-istess deċiżjoni.

3.20 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti dwar l-attivita' tal-ħmistax anniversarju ta' kunsilli lokali, kif diġa kien hemm indikat fl-isketa tal-laqgħat li tintbagħat lill-kunsilliera.

3.21 Talba għall-permess ta' attivita ta' ħasil ta' karozzi mill-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor f'Diċembru, 2008. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.22 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-kap ta' l-Oppożżizzjoni se jiġi fl-uffiċċju tal-kunsill nhar il-Ġimgħa 21 ta' Novembru, 2008 fis-7.30pm.

3.23 Talba minn *Transient Light and Sound* sabiex ikun jista jagħmel riklam għal kampanja tad-Dar tal-Providenza. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.24 Talba mill-kumpanija GO għal permess ta' attivita għal kull ġimgħa sabiex ikun hemm *mobile retail truck* ix-Xatt. Il-kunsill mhuwiex kontra din l-inizjattiva iżda kontra li jittieħdu *parking bays* f'Tas-Sliema. Il-kunsill qal li għandhom isibu alternattivi oħra għal din il-promozzjoni.

3.25 Talba minn studenta tal-mediċini biex torganizza attivita f'isem SCORA għal mixja minn fejn il-Ġnien Indipendenza sa' San Ġiljan fl-1 ta' Diċembru li taħbat *World Aids Day*. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.26 Talba mis-Sur Simon Camilleri għal *zebra crossing* fix-Xatt ta' Qui si sana (bejn Triq Hughes Halliet u TownSquare). Il-kunsill għandu jressaq din it-talba lill-Awtorita' Dwar it-Trasport, u jekk jaqblu din tkun tista ssir.

3.27 Is-segretarju eżekuttiv ressaq stimi dwar dwal ta' *energy saving* fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa jistax il-kunsill jara l-possibbilta' li jinvesti f'*solar energy* kemm għall-uffiċċju tal-kunsill kif ukoll għall-latrina pubblika ta' Ġnien Indipendenza. Il-kunsill ikun jista japplika biex iġib il-fondi mill-UI Funds. Fuq dan il-punt is-Sindku M. Arrigo ġibdet l-attenzjoni li jista jkun hemm ftit konflitti minħabba l-fatt li dan l-aħħar il-kunsill kellu kwistjoni maċ-Chairperson tal-*UI Funds* minħabba li ma tridx tħallas l-ammont dovut għall-*iscaffolding* li hemm impoġġi fi Triq Rudolfu ma' Beresford. Din il-kwistjoni hemm diġa involut l-avukat tal-kunsill kif ukoll l-Onorevoli Chris Said. Sadanittant il-kunsill jaqbel li ma jingħatawx permessi oħra sakemm jiġi mħallas il-ħlas dovut.

3.28 Is-segretarju eżekuttiv li kellu laqgħa mal-*Primary Health Care* dwar il-Berġa f'Tas-Sliema fejn talbu jistax isir kuntratt ta' għaxar snin u li jkollhom *meter* tad-dawl għalihom. Il-kunsill qabel ma' dan u l-Health għandhom japplikaw għall full *development permission*.

3.29 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-attenzjoni tal-kunsill iż-żewġ applikazzjonijiet li kienu saru l-MEPA cioe PA 3471/08 – *upgrading* tal-parti t'isfel ta' triq it-Torri kif ukoll PA 5324/07 li tinvolvi t-twessiegħ tal-*promenade* u installazzjoni ta' *bus shelter* ix-Xatt ta' Qui-si-sana. Is-segretarju eżekuttiv spjega li dawn iż-żewġ applikazzjonijiet kienu diġa ġew diskussi fil-kunsill u kienet intbagħtet korrispondenza wkoll dwara iżda ħass li l-kunsill għandu jibgħat direttament lic-Chairman sabiex jispjegalu ċarament id-deċiżjoni li kienet ittieħdet mil-kunsill wara l-konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta ta' pedestrianisation fi Triq Bisazza. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi telqet mis-seduta fis-6.20pm.*

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Il-Viċi sindku nforma lill-membri preżenti dwar żewġ vetturi bir-reġistrazzjoni IAN-038 u IGS-682 li ilhom ipparkjati fi Triq ~~it-Torri~~ Amery b'diversi ċitazzjonijiet fuqhom. Il-kunsill qabel li għandu jinforma lill-uffiċċjal awtorizzat tal-kumitat konġunt tat-tribunal biex jieħu l-azzjoni meħtieġa u jara jekk hux każ ta' *clamping* jew *towing*.

4.2 Il-kunsill qabel li jorganizza l-ikla tal-kunsill nhar is-16 ta' Diċembru, 2008 fit-8pm ġewwa l-istabbiliment l'Ordine.

4.3 Il-kunsillier M. Debono ssuġġerrixxa li għandha ssir mera Triq Sant' Anthony li tagħti għax-Xatt ta' Tigne. Il-kunsillier Debono għandu jagħtina aktar informazzjoni fejn għandha titwaħħal din il-mera.

4.4 Il-kunsillier M. Briguglio qal li l-Galaxy għandu jirranġa safety li għandu ta' l-injam. Qal ukoll li l-grocer fi Triq Sant' Injazju ma' Triq Depiro talab biex iwaħħal pole. Is-sid tal-grocer għandu jiġi jkellem lill-kunsill.

4.5 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa dwar il-WI-FI li kellu jiġi installat fi Ġnien Indipendenza. Il-kunsillier J. Galea qal li meta tkellem mal-Ministeru konċernat qalulu li qegħdin jistennew ħafna proġetti li jintegrawha magħhom.

4.6 Il-kunsillier J. Galea qal li f'Tas-Sliema qiegħed ikollna ħafna serq. Il-kunsill jinsab konċernat dwar dan u qal li għandu jkun hemm aktar *patrolling* u ninfurmaw lill-Kummissarju Tal-Pulizija.

**6. Affarijiet Oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-6.45pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**